# il-Ħuttafa

Numru **191** Novembru – Diċembru 2025



Pitirross

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf


Desirée Falzon

Familja faqqiegħ qed jikbru minn zokk mejjet

# Ħej Ħbieb...



Il-ġimgħa l-oħra kont ma' grupp studenti tal-Year 5 fir-riserva naturali tal-Għadira. Issa li bdiet tagħmel ftit tax-xita, il-ħaxix beda jikber u ftit ftit kullimkien isir tapit aħdar.

Aħna u mixjin fil-mogħdija, waqafna nħarsu lejn medda sabiħa ta' buttuniera. Il-buttuniera pjanta li tagħmel fjuri f'bukketti żgħar qishom blalen bojod.

Komplejna mixjin u wara ftit indunajt li studenta kellha waħda minn dawn il-fjuri f'idha. Staqsejtha bil-ġentilezza għaliex kienet qatgħetha. It-tifla ħarset lejja u wara ftit qaltli

"Ma nafx għaliex qtajtha!"

Spjegajtilha li kull fjura tipproduċi l-polin u n-nektar, li huwa l-uniku ikel ta' ħafna insetti, bħan-naħal u l-friefet. U li issa li nqatgħet il-fjura ma tistax tagħmel żerriegħa.

Tgħiduli "U ajma x'għaġeb, dil-fjura waħda li qatgħet. Min jaf kemm eluf ta' fjuri oħrajn kien hemm."

Tassew kien hemm eluf ta' fjuri, imma jien li inkwetani kienet it-tweġiba tat-tifla. Spiss nagħmlu ħsara lin-natura bla ma lanqas nindunaw.

Pereżempju ħudu mid-diżastru li għamlu f'Ta' Qali (ara p.3) meta għattew il-ħamrija biż-żrar u r-ramel. Min għamel hekk ħaseb xi ħsara għamel lill-ħamrija u lill-bijodiversità li tgħix fil-ħamrija? Għaddielu minn moħħu kemm miljuni ta' ħniex u insetti difen taħt dak it-terrapien? Jew il-miljuni ta' żerriegħa li kien hemm fil-wiċċ jistennew ix-xita biex jinbtu? Biex ma nsemmix xi ħsara għamel fil-kimika tal-ħamrija, li aktarx issa nbidlet għal dejjem.

Għalhekk tajjeb li nsiru konxji tan-natura minn kmieni. U għalhekk il-BirdLife nagħmlu attivitajiet bħal Dinja Waħda fl-iskejjel.

Nawguralkom Sena Ġdida mimlija ferħ u saħħa. U fjuri!


Victor Falzon

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

## FUQ QUDDIEM


Ritratt ta' Aron Tanti

### Pitirross

Robin *Erithacus rubecula*

Il-pitirross huwa aktarx l-iktar għasfur li jingħaraf minn kulħadd, għall-inqas f'ħafna nħawi tal-Ewropa. Fuq tiegħu, simpatiku, ġellied, żbozz, storbjuż (ipespes u jgħanni ħafna), u jispikka b'dak is-sider oranġjo. Il-pitirross mhux fil-Milied biss narawh, imma għal sitt xhur sħaħ.



BirdLife MALTA

## In this issue...


| | |
|---|---|
| **Mill-editur** | **2** |
| **Aħbarijiet** | **3** |
| **Gheruq, faqqiegħ u fungi** | **4** |
| **L-għasafar kollha!** | **5** |
| **Mid-dinja** | **5** |
| **Il-baħar u l-VR** | **6** |
| **Mushies!** | **7** |
| **Sturnell** | **8–9** |
| **Natura 2000** | **10** |
| **Colour the red admiral** | **11** |
| **Art Gallery** | **11** |
| **Il-ħajd il-ġdida** | **12–13** |
| **Student Passport** | **13** |
| **The noisy ocean** | **14** |
| **L-għakrux raġel** | **15** |
| **Wied Għajn Riħana.** | **16** |


## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Contacts...


tel **21347645**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, December 2025
Design and production Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052






# Sebgħa u sittin!

**Sebgħa u sittin! Daqshekk ħadu sehem skejjel f'Dinja Waħda s-sena l-oħra.**

Kif ħafna minnkom żgur tafu, għax ħadtu sehem intom stess, Dinja Waħda hija dawk il-ħafna attivitajiet tan-natura li tagħmlu fl-iskola mal-għalliema tagħkom. L-attivitajiet Dinja Waħda qegħdin biex intom titgħallmu iktar fuq l-annimali u l-pjanti, u ssiru vera tħobbuhom.

Bħas-soltu, f'Novembru kellna l-okkażjoni tad-Dinja Waħda Awards, fejn qassamna trofej u banners lill-iskejjel li ħadu sehem f'Dinja Waħda s-sena l-oħra. Prosit lil kull min ħa sehem, lilkom l-istudenti u lill-għalliema. Grazzi wkoll lin-nies tal-BirdLife li mingħajrhom Dinja Waħda ma ssirx.



Grazzi tim BirdLife!

Grazzi wkoll lil Bank of Valletta, il-partners tagħna fl-edukazzjoni.

# Ta' Qali Desert


Victor Falzon


**Xi xhur ilu xi għaref firex ħafna żrar u xaħx fil-picnic area f'Ta' Qali. Dal-materjal inxtara u nġab minn barra minn Malta. Bih ksew dil-firxa art li hija tant popolari mal-familji li jmorru hemm igawdu n-natura.**

**Issa li għamlet ix-xita, hemmhekk is-soltu jkun diġà mtela ħaxix. Imma kif taraw minn dar-ritratt li ħadna ftit ġranet ilu, il-post għadu baħħ. Deżert totali. Fejn is-soltu tara zizka bojod, psiepes, għasafar tal-bejt, fjammi suwed, sturnell u pitirrossi jferkxu fil-ħaxix ifittxu ħanfus, ħniex u żrieragħ, issa lanqas rixa. U mhux ovvja! Xi tridhom isibu qalb iż-żrar?**

**Insomma prosit lil min ġietu din l-idea brillanti! Għamiltu bravura!**

Kull trid oħra! Teamwork fin-natura Desirée Falzon




**Bħal dan iż-żmien tas-sena nibdew naraw il-faqqiegħ, speċjalment meta tkun għamlet ftit tax-xita. Din il-ħarifa jidher li għamlet biżżejjed xita biex jibda ħiereġ il-faqqiegħ . . .**

# Għeruq, faqqiegħ u fungi

## Xniexel taħt l-art

Meta tara l-faqqiegħ, tkun qed tara biss parti minn organiżmu ħafna ikbar minn dak li jidher. Il-faqqiegħ ikun qed jikber minn ħafna ħjut taħt il-ħamrija, qishom xniexel twal u rqaq. Dawn il-ħjut, li jgħidulhom *mycelia*, jgħixu ħafna snin, jieħdu sustanza mill-ħamrija u dejjem jitwalu u jinfirxu. Dawn ix-xniexel huma l-fungu proprju.

## Umbrelel żgħar

Kull tant żmien, mill-fungu jikber il-faqqiegħ – bl-Ingliż *mushrooms* – li spiss ikunu qishom umbrelel żgħar li jixirfu mill-ħamrija. Fil-faqqiegħ jiffurmaw l-ispori, li jkunu qishom żerriegħa fina ħafna. Meta dawn jaqgħu fil-ħamrija jikber minnhom fungu ġdid.

## Rabta speċjali

Hawn fungi li għandhom rabta speċjali mas-siġar. Waħda minn dawn hija l-faqqiegħ taż-żnuber. Dan jgħix madwar l-għeruq tas-siġar taż-żnuber, u t-tnejn jgħinu lil xulxin biex jieħdu s-sustanzi mill-ħamrija. Meta l-għeruq itellgħu l-ilma u l-minerali mill-ħamrija, ikun hemm ħafna minerali li s-siġra ma tkun kapaċi toħodhom. Imma l-fungu tal-faqqiegħ taż-żnuber għandu l-ħila jħoll dawn il-minerali u jgħaddihom lill-għeruq tal-ħabib tiegħu ż-żnuber!

## X'tieħu?

Allura x'jieħu l-fungu ta' dan is-servizz? Kulħadd jaf li l-pjanti jużaw id-dawl tax-xemx biex jagħmlu l-ikel. Meta s-siġra taż-żnuber ittella' l-minerali u l-ilma mill-ħamrija, dawn jgħaddu mill-għeruq għaz-zkuk sakemm jaslu fil-weraq. Il-weraq huma bħal fabrika li jaħdmu bix-xemx biex jibdlu l-minerali fl-ikel li għandha bżonn is-siġra.

Imma ż-żnuber ma jużax l-ikel kollu li jagħmel. Ftit minnu jerġa' jinżel fl-għeruq u jgħaddi għal ġol-fungu tal-faqqiegħ taż-żnuber li jkun għaddielu l-minerali ... u b'hekk kulħadd jiekol.

Kull qalb trid oħra!











# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru **408 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha: dawn huma numri **221** sa **230**.

221 
Isem Malti **Bies tar-Reġina**
Isem Ingliż **Eleonora's Falcon**
Isem xjentifiku *Falco eleonorae*

222 
Isem Malti **Żumbrell Għarbi**
Isem Ingliż **Sooty Falcon**
Isem xjentifiku *Falco concolor*

223 
Isem Malti **Seqer ta' Denbu**
Isem Ingliż **Merlin**
Isem xjentifiku *Falco columbarius*

224 
Isem Malti **Seqer tal-Ħannieqa**
Isem Ingliż **Eurasian Hobby**
Isem xjentifiku *Falco subbuteo*

225 
Isem Malti **Bies tad-Deżert**
Isem Ingliż **Lanner Falcon**
Isem xjentifiku *Falco biarmicus*

226 
Isem Malti **Bies tal-Lvant**
Isem Ingliż **Saker Falcon**
Isem xjentifiku *Falco cherrug*

227 
Isem Malti **Bies**
Isem Ingliż **Peregrine Falcon**
Isem xjentifiku *Falco peregrinus*

228 
Isem Malti **Tajra Safra**
Isem Ingliż **Eurasian Golden Oriole**
Isem xjentifiku *Oriolus oriolus*

229 
Isem Malti **Virju**
Isem Ingliż **Red-eyed Vireo**
Isem xjentifiku *Vireo olivaceus*

230 
Isem Malti **Kaċċamendula tal-Asja**
Isem Ingliż **Brown Shrike**
Isem xjentifiku *Lanius cristatus*



**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

Mid-Dinja

# Jiffrankaw massakru




In-Namibja, pajjiż fl-Afrika, għandha ħażna kbira ta' qrun u nejbiet li ġabret minn kriminali li jkunu qatlu iljunfanti u rinoċeronti. Dawn il-qrun u nejbiet tixtieq tbigħhom, imma l-bejgħ tagħhom illegali mad-dinja kollha. Għalhekk waqt laqgħa tas-CITES, in-Namibja talbet li jerġa' jinfetaħ is-suq – sintendi ħalli tagħmel kemxa miljuni mill-bejgħ. Xi pajjiżi, bħaċ-Ċina u l-Ġappun, qablu ma' dan għax jixtiequ jixtru l-avorju u l-qrun.

Il-qtil tal-iljunfanti (għaż-żewġ nejbiet) u tar-rinoċeronti (għall-qarn ta' fuq imnieħrhom) ilu iktar minn seklu għaddej fl-Afrika, u f'xi nħawi tal-kontinent tant inqatlu minnhom li nqerdu għal kollox jew saru rarissmi. In-nejbiet jitnaqqxu fi statwetti u jinbiegħu souvenirs lit-turisti. U l-qrun tar-rinoċeronti jagħmluhom manku tas-skieken (fil-Yemen) jew biex minnhom issir taparsi 'mediċina' (fiċ-Ċina), mediċina li ma tiswa xejn. Araw ftit kemm hawn nies li m'għandhomx rispett lejn l-annimali.

Imma hawn ukoll ħafna nies li jħobbu l-annimali. Fil-fatt waqt dik il-laqgħa tas-CITES ħafna pajjiżi wissew li jekk jerġa' jibda l-bejgħ f'dawn l-affarijiet, tiżdied il-kaċċa illegali tal-iljunfanti u r-rinoċeronti. B'xorti tajba t-talba tan-Namibja ma ntlaqgħetx. Tgħiduli allura issa x'ha tagħmel b'dawk il-qrun u n-nejbiet kollha? Li kont jien kont nagħmel kif kienet għamlet il-Kenja: nagħmilhom munzell kbir u naħraq kollox!

# PETITU JITKELLEM DWAR IL-BAĦAR U L-VR!

Ħellow! Jiena Petitu, għasfur żgħir li jħobb itir fuq is-siġar u l-għelieqi. Imma tafu x'ma kontx naf? X'hemm taħt il-baħar! Jien ma ngħumx, għalhekk qatt ma rajt x'hemm taħt l-ilma. Kont naħseb li l-baħar hu dejjem nadif u sabiħ.

Imma llum mort l-iskola u hemmhekk ġrat xi ħaġa speċjali. Grazzi għall-VR (Virtual Reality) li ġie sponsorjat minn BOV, stajt "nidħol" taħt il-baħar mingħajr ma ngħum! L-NGO Żibel ħolqot vidjows sbieħ biex juruna x'qed jiġri fil-baħar tagħna.

U tafu x'rajt? Ħafna skart! Fliexken tal-plastik, boroż, xbieki u affarijiet li ma għandhomx ikunu hemm. Dan jagħmel ħsara lill-ħut u lill-baħar kollu. Għalhekk irridu noqogħdu attenti u ma narmux affarijiet fil-baħar jew fuq il-bajja.

Jien Petitu issa naf kemm hu importanti li nieħdu ħsieb il-baħar. U intom? Tistgħu tgħinu billi tgħidu lil kulħadd biex iżomm il-baħar nadif!

*Petitu*
(l-għasfur tal-bejt)







BOV
Bank of Valletta

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).











# Mushies!

We have hundreds of species of mushrooms in Malta. They often grow in warm, dark places, especially on rotting wood. Here are some of them. We're not sure of all the species, so we left them all with no name.


Charles Galea Bonavia















All photos (except one) by Desirée Falzon and Victor Falzon

# Sturnell

Common Starling *Sturnus vulgaris*



BirdLife MALTA

Ritratt ta' Aron Tanti

# Exploring Natura 2000 sites in Gozo & Comino

Over this series we learned a lot about Natura 2000 sites and the various reasons why they are special, the only thing left is to go out and experience them!

Exploring Natura 2000 sites around Malta and Gozo is a beautiful experience, however as we have learned it is important to enjoy them responsibly. This is essential to ensure that the rare plants and animals, some of them endemic, are kept safe.


Il-Ballut ta' Marsaxlokk

**When you visit Natura 2000 sites, keep these 4 things in mind:**

**Stick to the paths:**
If you wander off the trails you are at risk of causing damage.

**Don't pick any flowers:**
Some species are very rare and need to stay in their natural habitat.

**Keep it clean:**
Make sure to take any litter home with you.

**Keep the noise down:**
Loud noises may scare away birds.


Inħawi tal-Imġiebaħ

Even though Natura 2000 sites are protected by the Environment and Resources Authority (ERA) and cared for by governmental entities and non-governmental organisations (NGOs), we should all do our part to keep them safe so that they can be enjoyed by everyone who visits.


Il-Bajja tar-Ramla l-Ħamra

**Scan this QR Code to discover more about Natura 2000 in Malta**











## Colour the red admiral




**Email us your nature drawings so we can publish them here!**



**Għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf?**

- Tixtieq tidħol fil-Klabb?
- Tixtieq iġġedded?
- Tixtieq iddaħħal il-familja kollha?

Minn dal-QR code tista' tinqeda kollox onlajn. GRAZZI!

**Tixtieq tagħti donazzjoni lil BirdLife Malta?**

Il-BirdLife ikollha ħafna spejjeż biex tmexxi l-attivitajiet u biex taħdem għan-natura.

Minn dal-QR code tista' tagħmel donazzjoni onlajn. GRAZZI!

Send to the editor

Art Gallery


Hoopoe
Amber Aquilina 10

victor.falzon@birdlifemalta.org





Victor Falzon

# il-ħajd il-ġdida

**Jekk ġejtu dan l-aħħar iżżuru r-riserva naturali tal-Għadira żgur użajtu l-ħajd il-ġdida.**

Ħajd hija kamra li minnha tista' tosserva l-għasafar bla ma tgerrixhom, għax tkun "mistoħbi". Ħajd ġeneralment tkun żgħira u baxxa, b'diversi twieqi. Kif taraw mir-ritratt, it-twieqi jkunu dojoq ħalli ma tantx jidħol dawl. B'hekk ġewwa jkun ftit mudlam, ħaġa importanti jekk inti ma tkunx trid tidher.

Ir-riserva naturali tal-Għadira kienet l-ewwel post f'Malta li fih inbniet birdwatching hide. L-ewwel ħajd inbniet mill-BirdLife fis-Snin Tmenin, kienet kamra daqs nitfa li titla' għaliha bit-taraġ. Użawha mijiet ta' berdwoċers u eluf ta' studenti u familji, imma f'dawn l-aħħar snin inħass il-bżonn ta' ħajd ġdida li tkun takkomoda iktar nies.

Bis-saħħa ta' fondi mill-Ewropa, fis-sajf tas-sena l-oħra twaqqgħet il-ħajd l-antika u flokha nbniet il-ġdida. Il-ħajd il-ġdida hija ftit ikbar u qiegħda terrana (mingħajr taraġ) ħalli tkun aċċessibli għall-wheelchairs. Ħdejn id-daħla tħawlu ħafna arbuxelli ħalli la jikbru jgħattu ħafna mill-binja. Anke fuq il-bejt tal-ħajd ferrixna l-ħamrija u tellajna d-drip irrigation ħalli jikbru pjanti hemm fuq ukoll. Fi ftit snin ħafna mill-ħajd tinħeba u ssir parti min-natura.

Grazzi lill-ħaddiema li bnewlna bil-galbu, lill-ħafna voluntiera tal-BirdLife li taw l-għajnuna tagħhom, u lil Mark Gauci li mexxa l-proġett. Grazzi wkoll lill-għasafar li ħadu paċenzja bina jekk għal xi żmien kien hemm ftit storbju!

Victor Falzon



Id-daħla tal-ħajd il-ġdida. Madwarha tħawlu siġar u arbuxelli.

Victor Falzon



Insellmu b'għożża lill-ħajd l-antika li qdietna għal tant u tant snin. Għalkemm twaqqgħet, għadha sservina għax il-ġebel tagħha kollu ntuża fil-bini tal-ġdida!






# THE NOISY OCEAN

MALTA NATIONAL AQUARIUM

Long ago, the ocean was a quiet place. But when humans started using the ocean more, it became much noisier.

Boats like cruise ships, ferries, cargo ships, and speed boats produce loud sounds as they travel. People also use noisy machines when they build things in the ocean, like wind farms, or when they search for oil and gas under the sea.

All these sounds turn the ocean into a much louder place, which can bother sea animals who depend on sound to survive. Too much noise makes life harder for them.

## Noise Impact

When ships and machines make too much noise, it can confuse and scare sea animals. Loud sounds can prevent them from talking to each other, hunting for food, or even finding safe places to live. Some animals may dive deeper, swim away, or even get lost because they can't hear the natural ocean sounds they depend on.

## Why do marine animals depend on sound?

Many sea animals, like whales, dolphins, and fish, use sound because sunlight doesn't reach deep underwater, so they "see" with sound. Dolphins use clicks and echoes to find food and understand their surroundings. Some fish make noises to protect themselves and their homes by warning others to stay away or by alerting their group to danger.



## How you can help:

- Use kayaks, paddleboards, or sailboats instead of noisy speedboats;
- Spread the word, and if you know someone who owns a boat, encourage them to move slowly because it makes less noise;
- Design a poster or a school project to teach others.

Whenever we help keep the ocean calm and quiet, we give marine animals their voices back.








Desiree Falzon




# l-Għakrux Raġel

Il-bebbux huma familja kbira ta' xi 80,000 speċi madwar id-dinja, ilkoll fil-klassi Gastropoda. Xi 30,000 speċi minnhom jgħixu fuq l-art, il-bqija fil-baħar jew fix-xmajjar.

F'Malta għandna fuq is-600 speċi ta' bebbux, li minnhom xi 50 biss huma tal-art, il-bqija jgħixu fil-baħar. In-nixfa ta' pajjiżna mhix ideali għall-bebbux, li kollha jħobbu ambjent niedi.

Wieħed mill-bebbux tal-art, li spiss joħroġ jippassiġġa wara x-xita, huwa l-għakrux raġel.

Bl-Ingliż jgħidulu common garden snail (jew edible snail, għax hawn min jikolhom). L-isem xjentifiku huwa *Cantareus aspersus*.

Il-biċċa l-kbira tal-bebbux tal-art huma ermafroditi (= raġel u mara fl-istess annimal). Għalhekk l-isem "għakrux raġel" huwa żbaljat.




Bħal bebbux oħrajn, l-għakrux għandu lsienu aħrax ħafna. Meta l-għakrux jilgħaq werqa, iqaxxar frak minnha u jiblagħhom.

L-għakrux ibid għad-dell f'irkejjen taħt ġebel u fi xquq, ħalli ma jinxifx wisq.

Jekk għandek qsari u ma tridx l-għekierex inaqqrulek il-weraq, farrak u ferrex qxur tal-bajd madwar il-pjanti, u aktarx ma jersqulekx.



Victor Falzon



Timothy Micallef

## Kandidat għal riserva naturali ġdida...

# Wied Għajn Riħana!

Wied Għajn Riħana jserrep bejn il-Mosta u l-Bidnija u jiltaqa' ma' Wied il-Għasel. Għal diversi xhur tas-sena jżomm fih l-ilma tax-xita. Fih bejjet mhux darba l-gallozz iswed, sinjal li dal-post jista' jkun ġenna tal-art għan-natura. Kulma għandu bżonn hu li jiġi mħares bil-liġi u jingħata ftit kura esperta – mit-tip li taf tagħti l-BirdLife!